BIRGU
Citta' Vittoriosa

# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office -** Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166   Fax : 21662266
**Front Office** – Auberge d'Angleterre, Triq il-Majjistral., Birgu BRG 1270  Tel/Fax: 21802707
e.mail : **birgu.lc@gov.mt**    website : **www.birgu.gov.mt**


---

22 ta' Dicembru, 2011
.

**Minuti tal-laqgha numru 62(05)**

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' ghal-laqgha  numru 62(05) nhar il-Hamis 15 ta' Dicembru, 2011 fil-Berga ta' Franza fil-hamsa u nofs ta' filghaxija.

**Preżenti**

Is-Sur John Boxall - Sindku, s-Sur Ivan Peresso u s-Sinjura Judith Saliba - Kunsilliera.

Il-Kunsilliera Miriam Grech, kienet skuzata minhabba ragunijiet familjari.

Il-Vici Sindku, s-Sur Christopher Cassar kien assenti.

Ippresieda l-laqgha s-Sur John Boxall, Sindku.

**Talba**

Is-Sur John Boxall, Sindku, qal it-talba u ta bidu għal-laqgħa.

**1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

1.1 Item 1.2 (61/05) Kunsill Lokali Zghazagh

Is-Sindku s-Sur John Boxall , qal li skond korrispondenza minghand is-Sinjura Josette Camilleri, mil-Agenzija Zghazagh, is-Sur Matthew Tabone, rrnexxielu jghaqqad hames Zghazagh biex jigi ffurmat Kunsill Lokali taz-Zghazagh. Is-Sindku talab lil Kunsillier Ivan Peresso sabiex jiehu hsieb u jlaqqa' lil dawn iz-zghazagh, peress li z-zghazagh jaqghu that it-responsabilta tieghu.




John Boxall - Sindku, Christopher Cassar - Vici Sindku,
Miriam Grech – Kunsilliera, Ivan Peresso – Kunsillier, Judith Saliba - Kunsilliera
Christine Bonello – Segretarja Ezekuttiva

1.2 Item 1.5 (61/05) Is-Suq tal-Bdiewa fil-Birgu

Is-Sindku, qal li l-Kunsill ghadu qieghed jistenna risposta mil-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali sabiex fil-Birgu jibda jsir is-suq tal-bdiewa.

1.3 Item 1.6(61/05) Ingagg mal-Kunsill ta' skrivan/a part-time fuq progetti ta' l-Unjoni Ewropea.

Is-Sur John Boxall Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li l-Kunsill gie nfurmat li t-talba tieghu biex il-Kunsill johrog applikazzjoni ghall-ingagg ta' skrivan/a part-time fuq progetti ta' l-Unjoni Ewropea. Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jibda l-preparamenti mehtiega biex tinhareg sejha ghal din il-vaganza, kif ukoll tintalab lil Kunsill Lokali sabiex jibghatu l-ispecifikazzjonijiet ghal din l-applikazzjoni.

1.4 Item 1.7(61/05) Tnaqqis mil-allokazzjoni

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li mhux l-Kunsill Lokali tal-Birgu biss gie ppenalizat u sofra tnaqqis mil-allokazzjoni, izda kienu bosta Kunsilli li sofrew tnaqqis mil-allokazzjoni. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill informa lid-dipartiment tal-Kunsilli Lokali li fl-opinjoni tieghu,l-Kunsill Lokali tal-Birgu gie ppenalizat ntortament perezz li l-Awditura damet biex tibghat id-dokumentazzjoni min-naha taghha. Is-Sindku qal li s'iss l-Kunsill ghadu bla risposta.

1.5 Item 2.1 (61/05) Il-Progett tal-ipavimentar taz-zona tal-Collachio

Is-Sur John Boxall, Sindku qal li l-progett tal-ipavimentar taz-zona tal-Collachio gie approvat mil-MEPA. Hawnhekk, is-Sindku ssugerixxa sabiex tissejah laqgha ma' l-Arcipriet Fr. Joseph Cilia u l-Pirjol Fr. Frank Borg biex jibdew issiru l-preparamenti mehtiega u tinghatalhom l-informazzjoni mehtiega sabiex meta jinbeda dan il-progett ikunu diga saru l-ippjanar min qabel specjalment fejn jigu milquta l-attivitajiet religjuzi. Dwar dan kien hemm qbil unaimu.

1.6 Item 4(61/05) Taghrif dwar il-konferenza MEDEEA

Il-Kunsillier Ivan Peresso, tah rendikont tal-konferenza MEDEEA, li hu f'isem il-Kunsill Lokali tal-Birgu attenda ghalija gewwa Kreta fil-Grecja. Il-Kunsillier qal li l-konferenza kienet ta' interess u hemm cans li jinholqu opportunitajiet godda fuq progetti ta' *energy saving* ghal istess Kunsill

1.7 Item 5 (61/05) Party tal-Milied ghat-tfal

Il-Sindku, s-Sur John Boxall, qal li ghal party tal-Milied ghat-tfal li ser issir il-Gimgha 16 ta' Dicembru, hemm attendenza tajba hafna, fejn 75 tifel u tifla ser jattendu. Is-Sindku zied jghid li qed isiru hafna preparamenti bl-ghajnuna ta' diversi volontiera.

1.8 Item 6(61/05) Riceviment tal-Milied ghal anzjani tal-Birgu li jinsabu rikoverati fl-isptarijiet

Is-Sindku, s-Sur John Boxall qal li dan il-gest tal-Kunsill Lokali tal-Birgu ntlaqa' tajjeb mil-anzjani Vittoriosani, fejn ir-riceviment fid-dar ta' l-anzjani ta' Bormla sar nhar l-Erbgha 14 ta' Dicembru, filwaqt li r-riceviment fid-dar ta' l-anzjan San Vincenz De Paule sar fil-15 ta' Dicembru, 2011.

## 2. Korrispondenza

2.1 Memo 27/2010 – Skema ta' finanzjament ta' progetti specjali f'lokalitajiet zghar

Is-Sindku pprezenta ittra mid-dipartiment dwar Memo 27/2010, skema ta' finanzjament ta' progetti specjali f'lokalitajiet zghar, fejn il-Kunsill ntalab jibghat lid-Dipartiment ghal Gvern Lokali, iktar dokumentazzjoni fosthom, kopja tat-tender/kwotazzjonijiet, rapport ta' l-aggudikazzjoni, l-*ispecific conditions* tat-tender/kwotazzjoni li nharget, kif ukoll l-ittra ta' accetazzjoni. Is-Sur John Boxall qal li din id-dokumentazzjoni kienet ntbghatet hekk kif il-Kunsill applika skond il-Memo 27/2010. Ix-xoghlijijet kellhom isiru b'urgenza minhabba l-vizita tal-Papa u li dwarhom il-Kunsill kellhu l-approvazjoni mis-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill ser jinforma lid-Dipartiment dwar dan. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.2 Memo 38/2008 – Skema ta' finanzjament dwar progetti Energy Saving

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li l-panelli fotovoltajici gew installati fuq il-Bejt tal-Berga ta' Franza. Is-Sur John Boxall ipprezenta korrispondenza mibghtua lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali s-sur Carmel Abela, fejn il-Kunsill talab li fuq prezentazzjoni ta' l-*invoice*, jinghata l-pagament mid-Dipartiment qabel ma tigi pprezentata l-ircevuta fiskali, biex b'hekk, l-Kunsill ikun f'pozizzjoni finanzjarja ahjar peress li minhabba l-problema ta' *cash flow,* li jinsab fiha, mhux f'pozizzjoni li jhallas lil din il-kumpanija qabel ma jircievi l-finanzjament kif mwieghed. Is-Sindku zied jghid li l-Onor. Dr. Chris Said intervjena personali u talab lid-Direttur jilqa' t-talba tal-Kunsill bil-promessa li fi zmien gimgha li jsir il-pagament, trid tigi pprezentata l-ircevuta fiskali. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.3 Talba mis-Sezzjoni Zghazagh Palmizi

Ittra minghand is-sur Christian Raggio, Segretarju tas-Sezzjoni Zghazagh Palmizi, fejn ghan-nom ta' din l-ghaqda talab sabiex fl-20 ta' Dicembru, mis-6 ta' filghaxija 'l quddiem jintuza t-trakk tal-Kunsill ghall-attivita "Father Christmas jigi ghandek" fejn se jduru mal-Birgu biex jitqassmu r-rigali lit-tfal. Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jilqa' din it-talba izda c-cwievet tat-trakk ghandhom jigu rritornata fid-9 ta' filghaxija, kif ukoll din l-ghaqda ghandha tinforma lil Kunsill bil-persuna responsabli ghal dan it-trakk, kif ukoll li jekk it-trakk igarraf xi hsarat, din l-ghaqda ser tinzamm responsabli.

2.4 Kawza ta' libel John Boxall vs Oscar Adami.

Is-Sindku pprezenta ittra mibghuta mil-avukati Mifsud Bonnici & Camilleri fejn nfurmaw lis-Sindku li l-kawza ta' libel kontra Oscar Adami, giet mitlufa u ghaldaqstant, il-Kunsill hu mitlub li jhallas l-ammont ta' € 635.56. Is-Sindku talab biex il-Kunsill jiccekja ma' l-avukata x'jista jsir f'dan ir-rigward u jekk hemmx possibilta li l-Kunsill jappela dwardin id-decizjoni. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.5 Il-progett ALDA

Is-Sindku pprezenta talba mil-progett ALDA, sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jidhol membru f'din l-assocjazzjoni, "Association of Local Democracy Agencies" fejn l-mizata sabiex il-Kunsill ikun membru f'din l-assocjazzjoni hija ta' € 300 fis-sena. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jissieheb bhala membru f'din l-Assocjazzjoni. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**3. Is-sitwazzjoni tas-servizz tal-Knis u t-tindif fil-Birgu**

Is-Sindku, s-sur John Boxall qal li fi tlett xhur u nofs, kemm ilu li nbiddel is-servizz tal-knis u t-tindif fil-Birgu, l-Kunsill ircieva hdax-il ilment dwar it-tindif fil-lokalita. Is-Sindku tah rendikont tas-sitwazzjoni tas-servizz tal-Knis u t-tindif fil-Birgu u stqar li saru diveri laqghat mal-kuntrattur fejn gie nfurmat bid-diversi ilmenti li l-Kunsill kien qieghed jircievi

**4. Taghrif dwar ix-xoghlijiet fil-Berga ta' Franza u l-finanzjament taghhom**

Is-Sindku qal li nhar l-Erbgha 7 ta' Dicembru, 2011, saret laqgha b'urgenza ma' l-Onor. Dr. Chris Said, fejn giet spjegata lilu s-sitwazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Birgu viz-a-vi x-xoghlijiet fil-Berga ta' Franza u l-finanzjament taghhom. Is-Sindku pprezenta koppja ta' l-ispejjez pprezentati lil Onor. Dr. Chris Said li fit-totalita taghhom huma ta' € 37.313.61. Dawn l-ispejjez jinkludu € 6755.63 ghal xoghlijiet li tlestew u thallsu mil-Kunsill, € 16,438.98 ghal xoghlijiet li tlestew izda ghadhom ma thallsux u €14,119 ghaal kwotazzjonijiet ghal xoghlijiet importanti li iridu jsiru qabel ma' l-ufficini tal-Kunsill jibdew joperaw mil-Berga ta' Franza. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill qieghed jippjana biex l-ufficini amministrattivi jibdew joperaw mil-Berga ta' Franza min-nofs Jannar

**5. Tizjin tat-toroq ghal zmien il-Milied**

Is-Sindku, s-sur John Boxall, qal li permezz ta' grupp ta' volontiera, Triq il-Mina l-Kbira, Triq Hilda Tabone u Misrah ir-Rebha gew armati u mzejna ghal zmien il-MIlied. Is-Sindku zied jghid li l-ispejjez involuti kienu biss, l-kiri ta' tower ladder, salvavita, timer u xi bozzoz. Barra min hekk, ntalab permess lil Arcipriet Fr. Joseph Cilia, sabiex Triq il-

Mina l-Kbira tinxteghel mis-sala tal-Parrocca u dan is-servizz gie mghoti lil Kunsill minghajr l-ebda hlas.

## 6. Taghrif dwar il-Progett Oralities

Is-Sindku talab lis-Segretarja Ezekuttiva taghti rendikont ta' dan il-progett. Is-Segretarja Ezekuttiva qalet li hi flimkien mas-Sindku bejn it-30 ta' Novembru u l-4 ta' Dicembru, attendew ghal konferenza ta' dan il-progett li saret gewwa Ravenna fl-Italja. Is-Segretarja Ezekuttiva ziedet tghid li din hija l-ahhar sena ta' dan il-progett.

## 7. Taghrif dwar il-progett Seatoland

Is-Sindku, tah rendikont tal-progett "Seatoland". Is-Sindku zied jghid li barra l-Kunsill Lokali tal-Birgu, *partners* f'dan il-progett, min Malta, hemm ukoll il-Fondazzjoni Temi Zammit li qed tahdem flimkien ma' l-istess Kunsill biex issir l-*masterplan* wiehed fuq il-Belt tal-Birgu u z-zona tal-Port il-Kbir

## 8. Taghrif dwar il-progett tal-Gnien Fuq tal-Hawli

Is-Sur John Boxall, Sindku qal li dan il-progett bhalissa rega' jinsab wieqaf minhabba l-problema tal-katusa ta' l-ilma tax-xita li tidher li gejja min that il-flats ta' Blokk G entratura D. Il-Kunsill ghadu qieghed jistenna risposta min-naha tal-Housing Authority x'azzjoni trid dwar dan il-progett.

## 9. Risposta tal-Kunsill Lokali tal-Birgu ghal Management Letter

Is-Sindku pprezenta kopja tar-risposta tal-Kunsill Lokali tal-Birgu ghal Management Letter mibghuta mil-awdituri tal-Kunsill. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill japprova din ir-risposta, l-Kunsilliera Judith Saliba ssekondat u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 10. Affarijiet Ohra

### 10.1 Lista ta' pagamenti.

Is-Sindku pprezenta ghall-approvazzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti dovuti mill-Kunsill. Is-Sindku ssuggerixxa sabiex din il-lista tigi approvata. Is-Sinjura Judith Saliba, Kunsilliera, issekondat u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Il-laqgha ntemmet fil-7:15 ta' filghaxija u giet aggornata .

Christine Bonello
Segretarja Ezekuttiva

ikkonfermati John Boxall
Sindku